

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 – Azarov vs Il-Kunsill(Kawża T-247/17) ⁽¹⁾

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li fir-rigward tagħhom japplika l-iffriżar ta’ fondi u ta’ riżorsi ekonomiċi — Żamma ta’ isem ir-rikorrent fuq il-lista — Dritt għall-proprjetà — Dritt li tiġi eżerċitata attività ekonomika — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)

(2019/C 82/57)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Mykola Yanovych Azarov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentanti: G. Lansky u A. Egger, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J.-P. Hix u F. Naert, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/381 tat-3 ta' Marzu 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2017 L 58, p. 34), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/374 tat-3 ta' Marzu 2017 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2017 L 58, p. 34), sa fejn isem ir-rikorrent inżamm fuq il-lista ta' persuni, ta' entitajiet u ta' korpi li fir-rigward tagħhom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Mykola Yanovych Azarov huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 195, 19.6.2017.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2018 – Monster Energy vs EUIPO – Bösel (MONSTER DIP)(Kawża T-274/17) ⁽¹⁾

(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea MONSTER DIP — Trade marks preċedenti verbali u figurattivi tal-Unjoni Ewropea u sinjal mhux irreġistrat użat fil-kummerċ li jinkludu kollha l-element verbali “monster” — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) — Assenza ta’ probabbiltà ta’ assoċjazzjoni qarrieqa — Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament 2017/1001) — Assenza ta’ probabbiltà ta’ dilwizzjoni tat-trade mark preċedenti li għandha reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001))

(2019/C 82/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Monster Energy Company (Corona, California, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, solicitor)